Minuti tal-22 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 5 ta' Jannar, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 17.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-20 u 21 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tal-20 u 21 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Offerti tqeghid ta' pavimentar u studju ghall-progett 'Creating a sustainable rural village – alternative methods and approaches to waste reduction, energy and living.**

**2.1 Offerta Ten09-10 – Xoghol ta' pavimentar fi Pjazza Zjara tal-Madonna u Triq il-Knisja.**

2.2 Gie spjegat illi din l-offerta tipprovdi ghal xoghol ta' pavimentar fil-Pjazza Zjara tal-Madonna, pjazzetta tac-Centru Parrokkjali u Pjazza Gerano u bankini fi Triq il-Knisja.

2.3 Il-Kunsill ra it-tliet offerti sottomessi minghand Attard Bros. Co. Ltd., Sammy Spiteri u Simon Peter Sultana. L-irhas offerta kienet dik ta' Sammy Spiteri ghat-total ta' €45,530.93. Gie innotat illi l-irhas offerta qabzet il-budget indikat mill-Kunsill fid-dokument tal-offerta li kien jammonta ghal €39,500. Is-Sindku spjega illi certu items li hemm fil-BOQ mhux ser jintuzaw pero qedin hemm biex jahsbu ghal xoghol iehor li jista' jsir fuq pavimentar ta' toroq u bankini ohra. Huwa spjega wkoll li dawn l-items bicca minnhom ser isiru mill-WSC. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-offerta u gie deciz li ghandha ssir laqgha mal-kuntrattur sabiex jigi stabbilit il-programm tax-xogholijiet. Il-Kunsill qabel illi x-xoghol ghandu jsir fuq perjodu massimu ta' 3 xhur minn April sa Gunju 2011, kemm 'il darba il-WSC jispiccaw ix-xogholijiet taghhom sa l-ahhar ta' Marzu. Gie spjegat illi l-WSC qed iweghdu illi x-xogholijiet ser jissoktaw fis-17 ta' Jannar, 2011.

**2.4 Offerta Studju ghall-proġett - lejn villaġġ rurali sostenibbli - metodi alternattivi lejn tnaqqis ta' skart, enerġija u għixien Ten: 10-10.**

2.5 Il-Kunsill ra it-tlett offerti sottomessi taht din is-sejha ghall-offerti minghand AIS Environmental Ltd, F. Azzopardi & Associates Ltd u D. Consulta Ltd. Il-budget disponibbli ghal din l-offerta huwa ta' €20,000. Il-Kunsill qabel li ghandu jinhatar bord ta' evalwazzjoni kompost minn 3 persuni li preferibilment ghandhom ikunu Perit, Ingineer u membru iehor biex jevalwa l-offerti sottosmessi. Il-Kunsill innomina lill-Ing. Mario Galea u Perit Edward Scerri.

### 3. Xogholijiet tal-WSC f'Wied il-Mielah.

3.1 Is-Sindku spjega illi l-kisi bil-konkos tat-triq ta' Wied il-Mielah, il-parti fejn kellha issir min naha tal-WSC qed issir. Gie spjegat illi inbeda ix-xoghol ukoll fuq il-mejn tal-ilma minn hdejn il-bore hole 'il fuq lejn Pjazza Gerano. Ser isir il-kanal tal-ilma minn hdejn l-ahhar bini fi Triq Frenc ta' l-Gharb sa hdejn l-ahhar bini fi Triq il-Blata. Gie spjegat illi l-WSC qed tahseb jekk mill-ahhar bini 'l isfel hux ser isir kanal tal-ilma jew le. Gie spjegat illi hemm il-possibilita' li triq tinghata wicc tat-tarmak u mhux tal-konkos.

3.2 Emanuel Muscat staqsa meta ser issir il-gutter fi Pjazza Gerano. Is-Sindku spjega illi dan ser isir max-xoghol tar-resurfacing.

3.3 Is-Sindku spjega illi huwa qed jipprova illi x-xoghol ta' tkissir tal-bankini ezistenti fil-pjazza isir mill-kuntrattur tal-WSC u spjega li sa fejn ikun possibli l-paving blocks ezistenti ghandhom jinqalghu manwalment mill-haddiema assenjati mal-Kunsill sabiex jintuzaw f'post iehor bil-possibilita' li dawn jintuzaw fir-rampa tal-grawnd. Il-kunsill qabel uninanament. Gie deciz ukoll illi dawn ghandhom ikunu storjati fil-ground.

3.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xoghol ta' resurfacing u bankini godda fi Triq il-Knisja. Gie spjegat illi l-offerta li bhalissa tinsab fis-suq tipprovdi sabiex issir strippa tal-konkos bejn il-bankina u t-tarmak fi Triq il-Knisja sabiex ma jikbirx haxix hazin.

Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sundial li l-Kunsill qed jiprogetta li jaghmel bhala parti mill-progett tal-embellishment tal-Pjazza. Is-Sindku spjega illi huwa f'kuntatt ma espert fejn huwa possibbli li dan jigi fuq il-post sabiex jaghti l-parir tieghu u stima dwar din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel ukoll li meta jkollu idea ta' prezz ghandu jara jekk ikunx jinhtieg li tinhareg

3.5 kwotazzjoni jew offerta u jimxi skond il-kaz. Gie spjegat illi l-Perit qed jara x'tip ta' matejal li jista' jintuza ghas-sundial. Il-Kunsill qabel illi s-sundial ghandu jkun fil-livell tal-art. Is-Sindku ippropona illi bhala tifkira tal-inawgurazzjoni tal-progett tal-Pjazza ghandhom isiru l-armi tal-Kunsillieri madwar is-sundial. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

3.6 Il-Kunsill iddiskuta wkoll illi ladarba isir ix-xoghol ta' pavimentar u bankini godda fil-pjazza ikun jixraq li jigu stallati bankijiet u flower pots godda li jkunu parigg xulxin.

3.7 Raymond Cassar ippropona illi madwar iz-zuntier ghandha ssir bankina. Kien suggerit li quddiem il-Knisja m'ghandux isir parkegg peress li bl-ipparkjar il-Knisja ma tkunx aprezzata.

3.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-tabella tal-lokalita' ippjanata li ssir fil-Pjazza u li taghha diga inkiseb il-permess tal-MEPA. Is-Sindku ippropona illi bhala parti minn din it-tabella ikun hemm screen li jkun qed jitrazmetti temp, moniteragg tal-pannelli solari li ser ikunu stallati fuq il-Kunsill, reklamar ecc. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra din il-proposta.

3.9 Lisa Marie Brooke issuggeriet li bhala parti mill-embellishment tal-Pjazza tista' ssir funtana tal-ilma tax-xorb li wiehed isibhom f'diversi bliet u rhula barra minn Malta. Waqt diskussjoni intwera d-dubju kemm din tista' tkun fattibbli mil-lat sanitarju u finanzjarju.

3.10 Il-Kunsill qabel illi fl-implimentazzjoni tax-xoghol tal-pavimentar tal-Pjazza ghandu jkun mahsub ghat-toqob tal-armar tan-nar tal-art. Raymond Cassar intalab jghaddi l-pjanta lill-Kunsill.

3.11 Is-Sindku qasam mal-Kunsill il-hsieb li jsir monument *life size* ad unur l-Isqof Nikol Cauchi. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta fejn wara li gew diskussi diversi possibilitajiet ta' fejn jsir dan il-monument, il-Kunsill ippropona divesi postijiet fosthom fil-pjazza quddiem ic-centru daru lejn il-knisja, fuq iz-zuntier in naha tal-arlog, fil-pjazza hdejn ir-residenza Mercieca, Hdejn id-dar tal-familja uhdejn is-sigra ta' Pinu. Is-Sindku spjega illi dan ikun suggett ghall-permess tal-MEPA. Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jahdem fuq din il-proposta bil-possibilita' li fil-futur ikun hemm ir-rizorsi kollha mehtiega biex dan ikun jista' jsehh.

3.12 Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu jahseb fit-titjib tat-tabella tal-lokalita' li tinsab fi Triq l-Gharb. Dan jista' jsir billi tigi mnedija kompetizzjoni jew bhala parti mis-'sustainable locality report'.

3.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar proposta li giet suggerita mill-Perit tal-Kunsill illi fil-parti il-wiesgha Triq il-Knisja jithawwlu sigar tal-frott f'dawk il-partijiet fejn hemm *blind corners*. Gie spjegat illi l-Perit intalab ihejji pjanta ta' din il-proposta. Raymond Cassar qal illi fl-opinjoni tieghu din tkun ta' periklu ghas-sewwieqa peress li l-bankina tkun imqabbza il-barra. Kien suggerit illi jistghu jehlu strippi riflettivi.

## 4. Aggornament dwar xogholijiet ohra.

4.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet fuq il-gnien fi Triq Tumas Cassar liema xoghol qed isir mill-kuntrattur Bugeja Bros. fejn dan ghandu jitlesta lejn nofs Frar.

4.2 Saret diskussjoni dwar l-embellishment tal-belveder fi Triq Tumas Cassar kif ukoll tal-gnien. Is-Sindku spjega illi fis-suq jezistu gazibos tal-injam bil-possibilita' li jehlu fuqhom pannelli fotovoltajici li permezz taghhom ikun generat id-dawl taghhom stess.

4.3 Il-Kunsill qabel illi fil-gnien ghandha tehel il-bandla li kienet fil-belveder u li giet mizbugha ricentement b'zebgha gdida.

4.4 Is-Sindku spjega lill-Kunsill dwar xogholijiet li jinhtieg li jsiru fil-mini-pitch fosthom li ssir xibka sabiex il-ballun ma jaqbizx barra fi propjeta privata, dwal, u gate sabiex il-mini pitch ikun diviz mill-premises tal-iskola wara il-hin ta l-iskola. Gie spjegat illi x-xoghol qed isir mill-haddiema assenjati mal-Kunsill b'ghajnuna ta' provvista ta' materjal mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Min naha tieghu il-Kunsill irid jixtri ix-xibka u ikunu stallati id-dwal mil-kuntrattur Richard Cauchi. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5 Il-Kunsill qabel li apparti il-bandla ezistenti fil-gnien fi Triq Tumas Cassar ghandhom ikunu stallati xi playing field equipment iehor bhal *see-saw*, molol, *gazibo*, bankijiet u litter bins ikkuluriti skond it-tenders li ga ghandu il-Kunsill minghand Mquip Ltd. u min ghand Bugeja Brothers skond il-kaz.

4.6 Is-Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill proposta sabiex apparti il-passaggi u l-gazibo, il-bqija tal-art tkun miksija bil-flakes tal-injam minflok ma jsir turf. Dan ikun irid jigi ittopjat darba wara xi ftit xhur. Gie sjegat illi dan is-suggeriment sar mis-Sur Joe Bonello ufficjal inkarigat fl-Agrikultura ghar-raguni li t-turf ikun difficli li jikber jekk joqoghdu ghaddejjin minn fuqu it-tfal. Manuel Muscat qal illi dan il-materjal jintuza hafna fl-Ingilterra pero fih zvantagg ghax jaghmel certu riha meta jixxarrab. Lisa Brooke issuggeriet li jintuza caghak zghir minflok. Is-Sindku spjega illi s-Sur Bonello issuggerixxa wkoll l-uzu ta' ramel abjad. Il-Kunsill qabel li jesplora l-possibilitajiet u jara finanzjarjament fejn jaqbel.

## 5. Servizz gbir ta' skart domestiku.

5.1 Is-Sindku spjega illi l-irhula ta' San Lawrenz u Ghasri li l-Kunsill qieghed fir-rotta taghhom ser inaqqsu gurnata ta' gbir ta' skart normali fix-Xitwa biex b'hekk is-servizz jinghata 3 darbiet minflok 4 darbiet fil-gimgha u f'dik il-gurnata jingabar skart maghzul. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li fil-prezent m'ghandux ikun hemm tnaqqis, is-servizz ghandu jibqa kif inhu sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent partikolament ghal familji bi problemi ta' anzjani jew tfal zghar.

## 6. Karnival u Seher il-Punent 2011.

6.1 Karnival - Il-Kunsill qabel unanimament illi s-serata karnivaleska ghandha tinzamm il-Hamis 3 ta' Marzu, 2011. Dwar il-post fejn ser jinzamm dan jiddependi mix-xogholijiet fit-toroq tal-qalba tar-rahal. Bhala programm il-Kunsill qabel li dan ghandu jkun ibbazat fuq tas-sena precedenti. Il-Kunsill qabel li biex iheggeg u jippromwovi l-kultura tal-Karnival fit-tfal tal-lokalita' ghandu jghin fl-organizzazzjoni ta' zifna ghat-tfal tal-lokalita'.

6.2 Seher il-Punent 2011 – Il-Kunsill ikkonferma d-dati tal-festival li ser ikun bejn il-31/03/11 sat-03/04/11. Gie deciz illi l-Gimgha ghandha tinzamm l-ikla tradizzjonali bhas-snin precedenti liema attivita' hija ferm popolari. Is-Sindku ppropona illi s-Sibt ghandha ssir xi haga innovattiva' sabiex ma jkunx hemm repetizzjonijiet minn attivitajiet ohra simili li jinzammu f'lokalitajiet ohra. Dwar il-Hadd il-Kunsill qabel illi filoghdu ghandha tiehu l-aspett folkloristiku u tradizzjonali f'attivita relatata mal-gbejna. Filghaxija ssir attrazjoni differenti bhal fil-kaz tas-Sibt.

6.3 Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jghinu fl-organizzazzjoni u fil-laqgha li jmiss ghandu jigu diskussi l-ideat u l-programm.

6.4 Dwar post fejn ser tinzamm l-attivita' il-Kunsill iddiskuta postijiet alternattivi ghall-pjazza f'kaz li din ta' l-ahhar ma tkunx tista' tintuza fosthom il-ground tal-football, Pjazza San Pietru u d-dahla tat-triq tac-cimiterju u triq Virtut.

## 7. Skeda ta' pagamenti.

7.1 Il-Kunsill qabel unanimament mal-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**8. Korrispondenza u materji ohra.**

**8.1** Gew trattati ir-rizultati tal-kompetizzjonijiet tal-presepju u twieqi tal-Milied. Il-Kunsill approva il-hlas ta' €40.00 lill-Ghaqda Hbieb tal-Presepju in konnessjoni mas-servizz moghti f'dan ir-rigward.

8.2 Il-Kunsill qabel unanimament man-nominazzjoni tal-familja Attard mill-Gharb ghall-Konkors Familja Qalb tad-Deheb 2010 imniedi mill-moviment ta' Kana.

8.3 Minghand Cynthia Misokova fir-rigward ta' Memo 95/2010 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 fejn il-Kunsill gie infurmat li huwa beneficjarju that din l-iskema u mitlub jattendi ghall-konferenza stampa fejn ser jithabbru ir-rizultati.

8.4 Mit-Taqsima Kultura fir-rigward tal-Karnival Regjonali t'Ghawdex 2011.

8.5 Is-Sindku ppropona li Triq il-Knisja ghandha tissemma ghall-Isqof Cauchi. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta fejn gie deciz illi ghandu jipproponi lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-toroq li Triq il-Knisja ghandha tissemma Triq l-Isqof Nikol Guzeppi Cauchi filwaqt li l-pjazzetta ta' hdejn ic-centru parrokkjali tissemma Misrah il-Knisja. Il-pjazza principali izzomm l-istess isem Pjazza Zjara tal-Madonna.

8.6 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:-
Allokazzjoni Finanzjarja 2011.

Fir-rigward tal-applikazzjonijiet sottomessi taht Memo 95/2010 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 ghas-Sagra Kappella taz-Zejt u Sagra San Dimitri fejn il-Kunsill gie infurmat illi dawn iz-zewg applikazzjonijiet ma gewx accettati.

8.7 Mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, ftehim dwar ko-finanzjament fir-rigward tal-Progett tal-Unjoni Ewropeja bl-isem 'Gharb's Cultural and Touristic Conservation' ghall-ammont ta' €29,750.00 Il-Kunsill qabel unanimament li jaccetta dan il-ftehim.

8.8 Hawnhekk saret diskussjoni dwar il-progett taht Mizura 323 fejn gie spjegat illi l-Kunsill jinhtieg li johrog offerta ghall-Project Management (konsultent tekniku u project manager) sabiex l-ispejjez relatati ikunu jistghu jithallsu mill-fondi tal-progett u mhux mill-budget tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.9 Minghand il-Kapitlu tal-Katidral fir-rigward ta' talba ghal ghajnuna sabiex isir mafkar fuq il-qabar ta' l-Isqof Nikol G. Cauchi fil-Katidral ta' Ghawdex. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi din it-talba ma tistax tigi milqugha. Il-Kunsill qabel li jikteb lid-Direttur Generali dwar Gvern Gvern Lokali sabiex jitlob jekk jistax jikkontribwixxi b'€100.00.

8.10 Minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' notice boards li jridu jehlu f'kull lokalita' sabiex maghhom jehlu notices dwar informazzjoni fuq zvilupp. Il-Kunsill qabel li din ghandha tehel mal-faccata tal-Kunsill.

8.11 Mill-MEPA:-

Korrispondenza datata 22 ta' Dicembru, 2010 fejn gie spjegat illi l-applikazzjonijiet mill-MEPA mhux ser jibqghu jintghatu hard copy izda permezz ta' l-email.

Korrispondenza fir-rigward ta' l-Applikazzjoni PA3729/10 – Perit Wigi Portelli sabiex jigu installati panelli fotovoltajici madwar il-ground.

Korrispondenza fir-rigward ta' l-Applikazzjoni PA5609/07 sabiex jinbena sports campus.

Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA4098/10

Il-Ftehim iffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-MEPA fir-rigward tal-fondi UIF sabiex isiru xogholijiet fil-Pjazza Zjara tal-Madonna.

8.12 Mill-Enemalta offerta sabiex Enginiera ta' l-Enemalta izommu tahdidiet fir-rigward ta' uzu ta' smart energy lis-Sindku u l-Kunsilliera.

8.13 Minghand Joe Camilleri fir-rigward ta' publikazzjoni ta' novelli. Il-Kunsill qabel li jakkwista kopja minn dawn il-kotba ghal-librerija lokali.

8.14 Minghand ECAD fir-rigward ta' hlas ta' shubija ghas-sena 2010. Il-Kunsill qabel li dan il-hlas ghandu jsir pro rata peress li l-Kunsill ma ssehibx sa mill-bidu tas-sena.

8.15 Minghand il-Water Services Corporation fir-rigward ta' xogholijiet li saru mill-korporazzjoni fil-lokalita' bejn Jannar u Lulju 2010.

8.16 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinxtara kamera digitali biex tintuza ghax-xoghol tal-Kunsill. Fost bzonnijiet ohra din ghandha tintuza sabiex jittiehdu ritratti tax-xogholijiet li jkunu saru mill-WSC fit-toroq tal-lokalita'.

8.17 Minghand il-Comune di Erchie stedina ta' partecipazzjoni lill-Kunsilli Lokali Gharb u Ghajnsielem fi progett Reltour finanzjat taht il-programm Ewropew tal-gemellaggi li ser jinzamm gewwa Erchie l-Italja bejn 29 ta' April u 6 ta' Mejju 2011. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ser jara x'arrangamenti amministrattivi huma mehtiega li jsiru filwaqt li jipprepara sabiex johrog l-avviz ghall-pubbliku.

8.18 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi minn informazzjoni li ghandu il-Gvern hareg notifika sabiex jigi terminat il-hlas ta' cens/qbiela tal-barriera tas-Suez f'Wied il-Mielah.

8.19 Manuel Muscat irrefera ghall-proposta li kienet saret mill-Kunsill li Triq Birbuba issir residential parking. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill ghandu jerga' jiddiskuti din il-materja f'laqgha ohra biex possibilment tkun parti minn skema ta' immanigjar tat-traffiku ghal-lokalita'.

8.20 Manuel Muscat staqsa jekk sarux parking bays simili f'xi zoni ohra tal-lokalita'. Is-Sindku spjega illi saru xi parking bays normali fi Triq San Pietru.

8.21 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jipprezenta tifkira lill-Mons Dr Joseph Sultana fl-okkazjoni tal-hatra tieghu bhal Arcipriet gdid tal-lokalita'.

8.22 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni dwar sitwazzjoni hazina fi Triq Albert W. Ketelby. Gie deciz li ghandha ssir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex peress li din it-triq taqa taht ir-responsabilita' tal-Gvern Centrali.

8.23 Il-Kunsill qabel li ghandu jsir patching hdejn il-Knisja u fi triq Frangisk Portelli. Dwar din ta' l-ahhar ghandha ssir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex peress li hija triq arterjali, jekk ix-xoghol ma jsirx ghandu jsir min naha tal-Kunsill.

8.24 Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-kuntratti ghandhom jigu mgedda ghal perjodu iehor ta' sena: Provvista' ta' hardware – Rapa Showrooms Co. Ltd., Handyman – Emanuel Saliba, Tindif Latrina Pubblika Triq ta' Pinu – Chalie Spiteri, Manutenzjoni ta' soft-areas u provvista ta' fjura ghall-Infiorata – il-Kunsill qabel li dawn iz-zewg kuntratti ghandhom jigu mgedda sakemm il-Kunsill ikun johrog u jawardja l-offerta l-gdida.

8.25 Il-laqgha spiccat hin 8.40pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv